MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru. 799/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Abdilla**

**vs**

**Simon Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Simon Zammit, ta’ 41 sena, bin il-mejjet Alfonso u Maria Assunta nee’ Bajada, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Marzu 1967, u residenti f’ Timmat, Flat 1, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, u fil-prezent fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta tal-identita’ numru 140367(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ Novembru 2007, u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’

rizoluzzjoni wahda ; personalment jew bhala direttur, azzjonista, rapprezentanta legali jew guridiku, jew segretarju tal-kumpanija Island Turnkey Company Limited (numru tar-registrazzjoni C30212).

1. Appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Emmanuela Portelli u Lilly Portelli, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Emmanuela Portelli u Lilly Portelli ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ David Sammut, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

4. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew

billi wera haga b’ ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ David Sammut ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

5. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ iktar minn mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Aaron Mallia, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

6. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ iktar minn mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37), ghad-dannu ta’ Aaron Mallia. (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

U b’ hekk, hu sar recidiv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta’ Dicembru, 2010 (esebita a fol. 119 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikolu 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) Fl-artikolu 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) Fl-artikolu 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(d) Fl-artikolu 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) Fl-artikolu 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(f) Fl-artikolu 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(g) Fl-artikoli 18, 49, 50, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta’ Dicembru, 2010, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. L-imputat kien jaghmel xoghol ta’ turnkey construction permezz tal-kumpanija Island Turnkey Company Limited u kien jirreklama is-servizzi offruti minn din is-socjeta’ kummercjali permezz ta’ reklami fil-gazzetti lokali. It-tlett kwerelanti fil-kawza odjerna u cioe’ Emanuela sive Lily

Portelli, David Sammut u Aron Mallia ilkoll kellhom bzonn xi xoghlijiet fi porpjetatjiet taghhom u nkarigaw lill-imsemmija socjeta' gestita mill-imputat sabiex taghmel ix-xoghlijiet fejn wara li saret stima tal-prezz tax-xoghlijiet involuti huma ffirmaw kuntratt ma Island Turnkey Company Limited fejn gie miftiehem ix-xoghlijiet li kellhom isiru u l-prezz tax-xoghlijiet u fejn it-tlett kwerelanti lkoll thallsu depozitu ghall-prezz tax-xoghlijiet li kellhom isiru. Fil-kaz tal-kwerelanti Emanuela Portelli l-kuntratt relattiv gie ffirmat fit-28 ta' Settembru 2006[1] fejn il-prezz tax-xoghol li kellu jsir f'garaxx gewwa l-Imsida kien ta Lm2195, ix-xoghol kellu jibda fid-19 ta' Ottubru 2006 u kellu jigi kompletat fi zmien tlett gimghat. Fuq dan il-kuntratt thallas depozitu ta' Lm1000. Fit-18 ta Ottubru 2006 gie ffirmat kuntratt iehor[2] fejn gew mizjuda xi xoghlijiet u fejn thallas deposit addizzjonali ta Lm750. Mill-provi rrizulta li l-imputat beda' jaghmel ix-xoghlijiet izda dawn ma tkomplewx u nonostante li l-kwerelanti pruvat tikkomunika mal-imputat huwa la kompla x-xoghlijiet u l-anqas hallasha lura d-depozitu. In kwantu jirrigwarda r-rapport maghmul minn David Sammut irrizulta li fid-29 ta' Dicembru 2005 dan iiffirma kuntratt[3] mas-socjeta' operata mill-imputat fejn gie miftiehem li kellhom isiru xoghlijiet li l-prezz taghhom kien jammonta ghall-Lm3660 u fejn thallas depozitu ta' Lm1220. Mil-provi rrizulta li l-imputat kien beda' x-xoghlijiet f'Jannar 2006 u fl-ahhar ta' Jannar kien talab lil David Sammut ghal pagament addizzjonali ta' Lm1220 u wara li dan tal-ahhar effetwa dan it-tieni pagament l-imputat kompla x-xoghlijiet sa nofs Frar 2006 izda qatt ma spicca l-istess xoghlijiet. It-tielet rapport gie maghmul minn Aron Mallia fejn gie ffirmat kuntratt fl-4 ta' Mejju 2006[4] fejn il-prezz tax-xoghlijiet li kellhom isiru kien ta' Lm480 u fejn thallas depozitu ta' Lm240. F'dan il-kaz ix-xoghlijiet qatt ma nbdew u l-mputat baqa' qatt ma hallas lura d-depozitu lill-kwerelant.

Ikkunsidrat:

---

[1] Kopja inserita a fol. 23 tal-atti processwali.
[2] Kopja inserita a fol. 24 tal-atti processwali.
[3] Kopja nserita a fol. 25 u 26 tal-atti processwali.
[4] Kopja inserita a fol. 29 tal-atti processwali.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija fl-4 ta' Mejju 2007[5] fejn huwa kkonferma li kien jopera l-kumpanija Island Turnkey Co. Limited u kien jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni. Huwa kkonferma wkoll li kien iffirma l-kuntratti in dizamina ghan-nom tal-imsemmija socjeta' u li kien beda' x-xoghlijiet kemm in kwantu jirrigwarda l-kuntratt ma Emanuela Portelli kif ukoll in kwantu jirrigwarda l-kuntratt ma' David Sammut. Huwa qal li ma setghax ikompli x-xoghlijiet in kwantu jirrigwarda l-kuntratt ma Portelli ghaliex kien tpogga taht house arrest fi proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfronti tieghu. Huwa spjega inoltre li kien halla l-ghodda tieghu fil-post liema ghodda kellha valur ta' madwar Lm1,500. L-imputat sostna li kien dispost ihallas lura d-deposit lil Portelli ghaliex ma kienx lesta x-xoghol. Dwar il-kuntratt ma David Sammut l-imputat qal li huwa kien ghamel hafna xoghlijiet u spjega li Sammut mar jaghmel rapport l-Ghassa ta' San Giljan wara li sema' li huwa kellu proceduri kriminali fil-konfronti tieghu u talbu sabiex jieqaf u kien sar ftehim f'dan is-sens fil-prezenza ta' kuntistabbli mill-Ghassa ta' San Giljan fejn kien anki sar ftehim sabiex l-imputat jigbor l-ghodda li kien ghad hemm fil-fond fejn kienu qed isiru xi xoghlijiet. Dwar il-kuntratt ma Aron Mallia l-imputat ikkonferma li huwa ma kienx beda' x-xoghlijiet u qal li dan gara minhabba l-problemi li kien dahal fihom u qal ukoll li kien dispost ihallas id-deposit lura.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebitat b'imputazzjonijiet ta' truffa, frodi nnominata u approprijazzjoni ndebita.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija kkontemplata fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-

[5] Inserita a fol. 31 sa 33 tal-atti processwali.

professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-**9 ta’ Gunju 1998**, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dan ir-reat.

“**Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b’mod specifiku</u>**; (sottolinjar tal-Qorti) **(3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.”**

Illi ghalhekk l-awtur ta’ dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta’ l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

**“La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (*uti dominus*). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio”** (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi f’sentenza ohra deciza mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta’ Frar 1997, l-Qorti tispjega b’mod semplici l-elementi ta’ dana ir-reat:

“**Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent**

**u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."**

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kummissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto***

***penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

Illi r-reati ta' truffa u frodi nnominata huma kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li:
**"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost**

**ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56).”**

Illi maghmula din l-esposizzjoni legali dwar ir-reati ta’ truffa, frodi nnominata u approprijazzjoni ndebita li bihom jinsab akkuzat l-imputat fil-kawza odjerna, l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern la r-reat ta’ approprijazzjoni indebita u l-anqas ir-reat ta’ truffa jew frodi nnominata ma jirrizultaw pruvati. Fir-rigward tar-reat ta’ misapproprijazzjoni ma’ jirrizultax li l-kwerelanti taw il-flus lill-imputat u huwa utilizzahom ghal skop iehor. Jidher li huma fil-fatt taw il-flus lill-imputat bhala hlas ghas-servizz li huwa kien ser’ jofri u mhux sabiex jaghmel uzu specifiku minnhom. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Concetta Charles deciza fis-6 ta’ Gunju 2011 mhux kull obbligu kuntrattwali li ma jigix onorat iwassal bilfors ghar-reat ta’ approprijazzjoni indebita. Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li si tratta semplicement ta’ sitwazzjoni fejn l-imputat ma setghax jonora l-obbligi kuntrattwali minnu assunti minhabba l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfronti tieghu liema proceduri m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-kaz odjern, u minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja hazina li nstab fiha l-imputat. Il-kwistjoni kollha hija prettament ta’ natura civli u l-Qorti jidrilha li r-reat ta’ misapproprijazzjoni ma’ jistax jissussisti.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni ta’ truffa u frodi nominata l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni la l-messa in xena u l-anqas l-ingann da parti tal-imputat.

Il-Qorti jidrilha li la fil-kaz ta’ Emanuela Portelli u l-anqas fil-kazijiet ta’ David Sammut u Aron Mallia ma jirrizulta li giet adoperata xi truffa jew frodi nnominata da parti tal-imputat jew li saret xi approprijazzjoni indebita mill-flus li huma ghaddewlu bhala depozitu tal-prezz miftiehem ghax-xoghlijiet li huwa kien ser jesegwixxi u li fil-fatt beda’

jesegwixxi. Il-fatt li l-imputat naqas milli jispicca x-xoghlijiet wara li kien thallas id-depozitu jikkostitwixxi biss obbligu kuntrattwali li ma giex onorat izda ma jwassal ghall- ebda reat ta’ approprijazzjoni indebita jew truffa.

Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement liberat mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------